# ISMIJET TA' INĦAWI F'KERĊEM u SANTA LUĊIJA

***Jikteb minn Michael Grima B.A. (Hons)., Dip (A. Sc.)***

*(ikompli mal-ħarġa "Leħen il-Banda San Girgor" 2004 - l-aħħar parti)*

**Il-Ħâra tal-Qabbieża** – Dan l-isem kien jirreferi għas-sit jew irħajjel propju ta' Santa Luċija. Mal-medda tas-snin imbagħad inbidel għal dak ta' "Santa Caterina tal-Qabbieża", jiġifieri għal isem ta' kappella dedikata lil din il-Qaddisa, li kienet tezisti fi żmien bikri qatiegħ.

Dwar dan l-isem Aġius de Soldanis jagħtina verżjoni nteressanti. Madwar l-1746, dan l-istoriku jirreferi għall-kelma "Tal-Qabbieża" bħala 'Qammasa' minn 'qamas' - jiġifieri tagħti (bl-ingliz '*to kick*') biż-żewġ bħal ibgħula. Min-naħa tiegħu l-lessikografu Serracino Inglott ifisser il-kelma 'Qammasa' jew 'Qabbieża' bħala dik it-tfajla li tgħix ħajja diżonesta (bl-Ingliż '*she-devil*').

Saħansitra hemm min isostni li l-kelma 'qabbieża' hija assoċjata ma' ilma għaddej, jaqbeż u jiġri. Fil-fatt fin-naħa tal-Lbiċ ta' Santa Luċija nsibu wied wieqaf imsejjaħ 'Wied Qabbieża'.



*L-Għolja ta' Għar Ilma*

**Għar Ilma** – Il-kelmiet Għar Ilma jfissru daħla mgħawra 'l ġewwa jew 'l isfel fil-blat ġeneralment min-natura, tal-ilma (bl-Ingliż '*water cave*'). Dan l-imkien jinsab għoli ta' madwar 168 metru 'l fuq mill-livell tal-baħar, fuq għolja hekk ukoll imsejħa [jiġifieri kelma omonima[1]] fl-akkwati ta' Santa Luċija, Kerċem u li torbot mal-għolja ta' Ta' Dbieġi. Għar Ilma huwa ukoll magħruf bħala l-Għar il-Qadim. Ta' min isemmi li fl-inħawi Ta' Għajn Għabdun, sewwa sew kantuniera mat-triq *Ta' Spiteri* u mat-triq li tagħti għall-*Ħâra Tar-Rokon* (jiġifieri l-post tal-irkejjen), limiti ta' San Lawrenz, wieħed isib nixxiegħa ta' ilma ġieri li huwa mifhum l-ilma tagħha ħiereġ inixxi minn dan il-Għar.

Fl-atti ta' diversi nutara pubbliċi l-lok ta' Għar Ilma huwa ndikat hekk: *"gar Jlme, contrata, Gozo"* nutar Ferdinand Ciappara fl-1575 u *"gar Jlme...in contrara hain habdun in territorio huius insulae Gaudisii"*.- nutar J. D. Formosa.

**Il-Ħbula Ta' Ħanzira** – Fil-lokien ta' Għar Ilma nsibu ukoll l-inħawi magħrufa bħala *Il-Ħbula Ta' Ħanzira* li skond il-Prof. Wettinger huma erba' porzjonijiet raba' f'dawn l-imkejjen. L-istess studjuż ikompli jgħidilna li dawn ifissru l-egħlieqi tal-maqjel tal-ħanżira (bl-Ingliż - 'pigsty'). Ta' min jinnota li n-Nutar Tumas Gauci fl-1564, espressament isemmi dawn l-inħawi jiġifieri *"il chibule tal chanzire... in contrata garilme, (Gozo)"*.

**Qasam San Ġorġ** - Dan il-lok jinsab sewwa sew matul Triq imsejħa ukoll għal dan l-isem. Il-kelma 'Qasam' hija marbuta mal-kelma Taljana '*Feudo*'. Dan jista' jfisser li din l-art kienet tingħata lill-bdiewa fuq bażi fewdali. Apparti minn dan hemm min isostni li f'dawn l-inħawi kienet teżisti kappella dedikata lil Qaddis San Ġorġ, pero' din it-teżi mhix sostnuta b'evidenza konkreta.



*Qasam San Ġorġ*

**Tas-Sqajjaq** - *Tas-Sqajjaq* huwa ukoll isem ta' ħabel raba li jeżisti fl-inħawi ta' Għar Ilma. Ta' min jgħid li dan il-laqam ifisser l-egħlieqi tas-sqajjaq - sqaq żgħir - li huwa d-diminuttiv ta' sqaq jew żqaq. Skond Serracino Inglott il-kelma sqaq jew żqaq hija mfissra bħala triq dejqa għal darba u aktarx twila f'parti mwarrba ta' belt jew raħal.
– *"ta sicayac, territorium in contrata gar ilme* (*Gozo*)" fl-atti tan-nutar Tumas Gauci fl-1659.


*Wied il-Mans*

**Wied il-Mans** - Dan il-lok jinsab in-naħa tan-nofs in-nhar tal-inħawi ta' Għajn Għabdun. Dan il-wied jgħaqqad ma' wied ieħor magħruf bħala "Wied Gullu". L-antenati tagħna jsostnu li Wied il-Mans ħa ismu mill-fatt li fil-gwerra l-kbira kienet waqgħet bomba (f'Għawdex imsejħa bħala 'mans' mill-Ingliż 'mine') f'dan il-wied u din baqgħet ma splodietx.

**Ta' Qġieġa** - Dan huwa qasam raba' li jinsab fit-tramuntana tar-raħal tagħna. Ta' min igħid li f'dawn l-akkwati nsibu xorta ta' ħamrija li tinxef malajr u ssir watja qisha ħġieġ. Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li dan il-lok seta' ħa ismu propju minn dan il-fatt.

**Qasam San Pawl** - Dan il-ħabel raba' jinsab fl-inħawi ta' Triq Qasam San Pawl liema triq tagħti għall-akkwati tal-Għadira ta' San Raflu. Fl-1575, il-viżitatur Apostoliku Pietru Dusina jirreferi għal waħda mill-kappelli dedikati lill-Assunzjoni tal-Madonna bħala "Tal-Qasam ta' San Pawl". Għaldaqstant ta' min isostni li dawn l-inħawi setgħu ngħataw dan l-isem proprju mill-isem tal-kappella ndikata.

**Wied Sansun** - In-naħa tax-xellug fi triqtek lejn l-Għadira ta' San Raflu, maġenb ir-raba magħruf bħala "Tal-Vapur" (Il-vapur Ta' Marku), insibu wied indikat bħala "Wied Sansun". L-isem "Ta' Sansun" huwa konness ma' ismijiet ta' żewġ persuni li kienu jokkupaw il-karigi ta' prokuraturi tal-kappella dedikata lil Santa Katerina li kienet teżisti fl-inħawi. Dawn l-ismijiet huma Bartolomeus Sansone (madwar is-sena 1621) u Marcus Sansone (madwar is-sena 1635). Jista' jingħad għalhekk li l-isem ta' dan il-Wied huwa msejjaħ hekk propju għal ismijiet ta' dawn il-persunaġġi.


*Wied Sansun*

**Ta' Dejduq** - Ħdejn is-sit ta' Għajn Għabdun insibu l-lok imsejjaħ "Ta' Dejduq" li skond il-Prof. Wettinger dan huwa mfisser bħala isem Lhudi wżat f'forma ta' għozza għal dak *Merdochay*. Għalkemm dawn l-inħawi ma' tantx jissemmew, ta' min jgħid iżda, li dan il-lok huwa speċifikament indikat fl-atti tan-nutar Ferd. Ciappara fl-1577 bħala: *"ta deiduc, lencia terrae in contrata hain habdun" [Gozo].*

**Ta' Klula** - Fl-inħawi tar-raba msejjaħ "tal-Warda" insibu art imsejħa "Ta' Klula". Il-kelma 'klula' hija sinonima ma' ftehim, patt jew kuntratt. (Ara Serracino Inglott). Ta' min jgħid ukoll li dan l-isem jista' jkun marbut ma' isem ta' ċertu Culaci Cordina li kien jgħix f'Santa Luċija madwar l-1667.

**Ir-Roqgħa tar-Ramel** - Isem partikulari ieħor li jinsab fil-lok t'Għajn Għabdun, huwa dak magħruf bħala r-*Roqgħa tar-Ramel* li kif tindika din il-frażi, tfisser ir-roqgħa (qatgħa għaliha) ta' parti ramlija - *"irrochia ta ramel, lencia terrae in contrata ta hayn habdun, Gozo"* - [Mużew Kattoliku - fl-1590].

**Tal-Għasafar** - *Tal-Għasafar* huwa isem ta' qasam raba fl-inħawi t'Għajn Għabdun. Bla dubju, Tal-Għasafar tfisser l-art tal-għasafar (bl-ingliż '*of the birds*'). Uħud isostnu li dawn l-akkwati huma magħrufa sew għall-kaċċa ta' tjur u għall-insib ta' għasafar tal-għana. Ta' min jgħid li n-nutar A. De Beniabin fl-atti tiegħu (fl-1456) espressament isemmi dan ir-raba - *"tal hisafar terrae in contrata hain habidin"* [Gozo].

Huwa ta' nteress partikolari dak li jirrakkonta b'mod dettaljat l-istoriku Għawdxi Agius de Soldanis dwar is-sit magħruf bħala Tal-Għasafar. De Soldanis jgħid li ċertu benefattur bl-isem ta' Francesco Callus kien ħalla miktub fit-testment tiegħu biex il-lampa tal-artal tal-kappella (pittura) ta' Kristu Agonizzant fiċ-Ċittadella tibqa' tixgħel f'kull Sibt filgħaxija u fil-festi prinċipali matul is-sena kollha (atti tan-nutar Andrea Beniamin - 19 ta' Ġunju 1456). Biex jaqta' xewqtu l-istess Francesco Callus ħalla bħala wirt l-art *Tal-Għasafar* fl-inħawi ta' Għajn Għabdun.


Tal-Patrijiet tal-Karmnu

**Tal-Patrijiet tal-Karmnu** - Eżattament wara l-knisja ta' Santa Luċija nsibu medda art imsejħa 'Tal-Patrijiet tal-Karmnu'. Kif jindika dan l-isem, dan ir-raba kien jew għadu jappartjeni lill-Patrijiet Karmelitani.

**Ix-Xurbebb** - Ix-Xurbebb huwa isem ta' sit li jinsab fil-Majjistral ta' Kerċem. Ta' min jinnota li l-kelma 'xurbebb' tgħawwġet u bdiet tinkiteb differenti minn diversi awturi bħal 'Xerbebb' (Serracino Inglott), 'Xirbeb' (Vass.). 'Xerbeb' (Car.), 'Xerbett' (Zerafa), 'Xurbieba' (nom singulari - Prof. Wettinger).

Għall-kelma 'Xerbebb', il-lessikografu Serracino Inglott jagħti din it-tifsira - xitla li tagħmel ward isfar f'Lulju u l-weraq jittiekel bil-ħall mal-insalata.


Ix-Xurbebb

**Għajn Tuta** - L-isem Għajn Tuta jirreferi għal qasam art u triq bejn ir-raħal tagħna u r-raħal tal-Fontana. Skond l-istudjużi Wettinger u Aquilina l-kliem Għajn Tuta jfissru l-għajn (spring) tas-siġra tat-tut (bl-ingliż Mulberry tree tat-tip morus nigra).


Tal-Ħawli

Ta' min jgħid ukoll li għal kelma *'tuta',* l-awtur Annibale Preca jagħti din il-verżjoni: *"oggi significa in Maltese l'albero del moro"* (jiġifieri *mulberry-tree*). Peress ukoll li f'dawn l-inħawi ħafna mir-raba' huwa saqwi, n-nutar Tumas Gauci jindikah bħala *is-Saqwi l-Barrani ta' Ghajn Tuta – "sacui il barrani di hayn tute, pars teritorii in gabella di hain tute"* [Gozo].- fl-1563.

**Tal-Ħawli** - *Tal-Ħawli* huwa sit li nsibuh fil-lbiċ ta' Kerċem. Għall-kelma 'ħawli' l-Prof. Serracino Inglott jagħti din it-tifsira: ma tagħtix frott, sterili, xagħrija, moħrara jew mhix għammiela.


*Il-Qortin*

**Il-Qortin** - Fil-punent tar-raħal tagħna nsibu medda art magħrufa bħala *Il-Qortin*. Il-kelma 'qortin' tfisser promontorju jew it-tarf tax-xagħra li jagħti għal fuq il-baħar, inkella għal fuq xi pjanura. Min-naħa l-oħra raba' qortin huwa ndikat bħala raba b'ħamrija baxxa, fuq ix-xaqliba tal-għolja li ma jistax jintuża taħt kultivazzjoni tajba kif wieħed jixtieq u għalhekk b'ucuħ għajjiena. Huwa propju dan it-tip ta' raba li jeżisti fl-inħawi tal-Qortin.

Fost oħrajn il-Prof Wettinger isemmi l-atti tan-nutar J. Sabbara, fejn fihom jissemmew siti diversi tal-Qortin madwar Għawdex: *"il curtin, contrata Gozo"*.[fl-1500].

**Ta' San Raflu [Għadira]** - L-imkejjen ta' *San Raflu* fil-majjistral tar-raħal tagħna joffru medda ta' xenarju naturali mill-aqwa. Ta' San Raflu huwa wkoll il-post fejn tinżamm il-fiera annwali li tkun organiżżata mill-Parroċċa tagħna. L-isem ta' *San Raflu* jfisser li jappartjeni lill-qaddis San Rafel li kien wieħed mis-seba' Arkanġli.


*Ta' San Raflu*

**Ta' Spiteri u Ta' Garruni** - *Ta' Spiteri* huwa dak il-lok li jinsab bejn l-inħawi ta' Għajn Għabdun u dawk ta' San Raflu. L-isem Ta' Spiteri jfisser li jappartjeni lin-nisel li jġib il-kunjom Spiteri. Skond awturi u esponenti midħla sew fil-qasam tal-etimoloġija ta' kunjomijiet Maltin, il-kunjom Spiteri jista' għandu konnessjoni ma' (i) Kunjom Taljan *Spitaleri* - li jfisser ospitalier [Lat. Hostis gen. Hospitis - mfisser bħala 'mistieden' (bl-Ingliż 'guest')] jew ma' (ii) kunjom Taljan ieħor *Spatari* - minn Spatharius li tfisser is-suldat li jiġġieled bix-xabla (bl-Ingliż 'swordsman').

Il-kunjom Spiteri huwa kunjom Malti qadim ħafna tant li kien ġa jeżisti fiż-żminijiet tan-nofs. Eż: Johannes Spiteri fl-1365 [ara awtur Fiorini fl-1986]. Il-familja Spetere (Spiteri) kienet tikkontrolla l-qasam (fief) ta' Santa Maria Maddalena [Il-Madliena] fl-1439. Illum bosta familji Maltin u Għawdxin iħaddnu dan il-kunjom.


ODYSSEY
Bar • Restaurant • Pizzeria
Tel: 2155 1002 • Res: 2155 6728
Fax: 2156 1728
Mob: 9949 7009 / 9948 5678
Menqa - Marsalfron - Gozo - Malta

A la Carte menu
A range of delicious mouth-watering pizza
Fresh local fish daily
Seating capacity over 200 people (groups accepted)

Ta' Spiteri



Mill-banda l-oħra, *Ta' Garruni* huwa l-isem ta' inħawi li jinsabu bejn Santa Luċija u r-raħal ta' San Lawrenz. Il-Prof. Ġuże' Aquilina jgħidilna li l-isem Garruni huwa mnissel mill-kunjom Taljan '*Garrone*'. Ta' min jgħid li f'Malta, b'xebh mal-kunjom *Garrone*, wieħed isib il-kunjom *Garroni.* Apparti dan, il-kunjom Garroni kien deher fiċ-ċensiment Djoċesan ta' Malta fl-1687 [Teresa Garrone m. Giacomo Bruno fl-1669].

**Iċ-Ċnus** - Madwar l-akkwati ta' Ta' Klula, sewwa sew fin-nofs in-nhar tar-raħal tagħna, nsibu s-sit magħruf bħala Iċ-Ċnus. Il-kelma Ċnus hija l-plural miksur tal-kelma ċens, miġjuba lilna mill-Isqalli. Ta' min jgħid li ċ-ċens huwa dak l-ammont ta' flus li jitħallas is-sid ta' dar jew beni ieħor darba f'sena, anke dak li jingħata b'enfitewsi.

Annibale Preca jsostni li minħabba li l-propjeta' mogħtija b'enfitewsi kienet tkun ta' kwalita' ħażina, ġew msejħa bħala Ċnus dawk l-artijiet li ma kienux jagħtu frott jew li kienu kollha blat. Iċ-ċnus huwa isem mogħti għall-propjeta' magħmula minn art fqira u mhix għammiela. *"Ic-Cnus e' il nome proprio d'una contrada di terreni poveri"* (Annibale Preca - p.446).

*L-istudju dwar l-ismijiet ta' mkejjen huwa fenomenu ta' valur lingwistiku qawwi, speċjalment f'dak li jirrigwardja l-etimoloġija u l-formazzjoni tal-ismijiet tal-inħawi nfushom. Ta' min jinnota li dan huwa rifless fl-iżvilupp kulturali, soċjali u demografiku tar-raħal tagħna matul iż-żminijiet.*

## (Tmiem)

***Noti u Riferenzi:***

(1) Kelma li tista' tintuża biex tfisser ħwejjeg differenti; kelmiet li għandhom l-istess ħoss waqt li jfissru differenti - Ez.: għazel (verb) u għazel (nom).

Agius de Soldanis, G.P.'*Gozo-Ancient and Modern, Religious and Profane'* (Media Centre, Malta 1999).

Aquilina, J. '*Papers in Maltese Linguistics'* (Malta, 1961).

Aquilina, J. '*Maltese English Dictionary, 2 Vols'.* (Malta, 1987-1990).

Bezzina, J. '*Gems of Gozo - An Appreciation of Twenty Chapels'* (BCD Printing, Gozo 1999).

Cassar, M. '*The Surnames of the Maltese Islands - An Etymological Dictionary'* (Book Distributors Ltd, Malta 2003).

Gauci, A. *' Gozo - A Historical and Tourist Guide to the island'* (St Joseph's Home Printing Press - Hamrun, 1966)

Preca, A. '*Malta Cananea'* (Malta 1904)

Serracino Inglott, E. *'Il-Miklem Malti, 10 Vols'.* (KKM - 1975-2003)

Wettinger, G. '*Place-Names of the Maltese Islands, ca 1300-1800'* (PEG Malta 2000)

KERCEM.GOZO.COM
the official Kercem Local Council Website